

P7_TA(2013)0494

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali rigward ir-regolamenti dwar il-pagamenti diretti, l-iżvilupp rurali u l-finanzjament, il-monitoraġġ u l-ġestjoni tal-PAK *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-20 ta' Novembru 2013 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabilixxi ċerti dispożizzjonijiet tranżitorji dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jemenda r-Regolament (UE) Nru [RD] rigward ir-riżorsi u d-distribuzzjoni tagħhom fir-rigward tas-sena 2014 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru [DP], (UE) Nru [HR] u (UE) Nru [OKS unika] fir-rigward tal-applikazzjoni tagħhom fis-sena 2014 (COM(2013)0226 – C7-0104/2013 – 2013/0117(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2013)0226),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0104/2013),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tad-19 ta' Settembru 2013¹,
 - wara li kkunsidra l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-28 ta' Ottubru 2013, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0326/2013),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;
 3. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fl-20 ta' Novembru 2013 bil-
ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) Nru .../2013 tal-Parlament Ewropew u tal-
Kunsill li jstabilixxi ċerti dispożizzjonijiet transitorji dwar l-appoġġ għall-iżvilupp
rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jemenda r-
Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-riżorsi
u d-distribuzzjoni tagħhom fir-rigward tas-sena 2014 u li jemenda r-Regolament tal-
Kunsill (KE) Nru 73/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1307/2013, (UE) Nru 1306/2013 u
(UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-applikazzjoni
tagħhom fis-sena 2014**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal
att leġislattiv finali, r-Regolament (UE) Nru 1310/2013.)*

¹ Għadha ma ġietx ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali.

ANNEX GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

DIKJARAZZJONIJIET TAL-KUMMISSJONI DWAR L-IŻVILUPP RURALI

Il-Kummissjoni tiddikjara li se tikkoopera b'mod kostruttiv mal-Istati Membri fit-tnejn u l-approvazzjoni tal-programmi ġodda għall-iżvilupp rurali bl-għan li tiżgura tranżizzjoni mingħajr xkiel lejn il-perjodu ta' programmazzjoni l-ġdid, anke għal miżuri mhux koperti mill-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Tranżizzjoni.

Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-Istati Membri li se jagħmlu użu mill-possibilità skont l-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Tranżizzjoni li jippermettilhom jieħdu impenji legali ġodda għall-operazzjonijiet ta' irrigazzjoni biex jagħmlu dan b'mod konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti għal operazzjonijiet bħal dawn fl-Artikolu 46(3) tar-Regolament il-ġdid dwar l-Iżvilupp Rurali għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020.